

Brussell, 24 ta' Meju 2022
(OR. fr)

9182/22

RECH 247
COMPET 347

NOTA

minn: Presidenza
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: *Thejjiġa tal-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività tad-9 u l-10 ta' Ġunju 2022*
Appoġġ għar-riċerkaturi żgħażaġħ fi żminijiet ta' kriżi
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota tal-Presidenza dwar "Appoġġ għal riċerkaturi żgħażaġħ fi żminijiet ta' kriżi" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tal-10 ta' Ġunju 2022.

APPOĠĠ ĠHAR-RIĊERKATURI ŻĠHAŻAĠH FI ŻMINIJET TA' KRIŻI

Kuntest

Il-kriżijiet suċċessivi f'dawn l-aħħar snin urew il-ħtieġa li nkunu ppreparati aħjar biex niffaċċjawhom, u li nkunu aktar reattivi fir-rispons tagħna, b'mod partikolari fl-appoġġ loġistiku u finanzjarju. Is-setturi kollha ta' attività ġew milquta, inkluż ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I), u dan wassal għal restrizzjonijiet u ostakli addizzjonali, b'mod partikolari b'rabta mal-karriera (reklutaġġ, impjeg, żvilupp, riżorsi, eċċ.). Id-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-riċerkaturi żġhażagħ fi żminijiet ta' kriżi ma jistgħux jiġu injorati, speċjalment minħabba li dawn huma kruċjali fl-indirizzar tal-isfidi globali ewlenin tal-lum u ta' għada. Dawn ir-riċerkaturi żġhażagħ jikkostitwixxu l-kapaċitajiet ta' riċerka tagħna ta' għada, il-"forzi dinamiċi" tagħna, u b'hekk jikkontribwixxu biex jiġi żgurat li l-Unjoni Ewropea tibqa' fit-tellieqa globali għar-R&I.

F'dan ir-rigward, il-pandemija tal-COVID-19 kellha, fost l-oħrajn, impatt sinifikanti fuq ir-riċerkaturi, b'mod partikolari fuq ir-riċerkaturi żġhażagħ. Il-proċessi ta' reklutaġġ u l-proġetti ta' mobilità ġew posposti jew ikkanċellati. Il-lockdowns suċċessivi wasslu għall-għeluq sħiħ jew parzjali tal-laboratorji, li għamilha diffiċli biex titwettaq riċerka u kkomplika l-kollaborazzjoni fil-livell nazzjonali u internazzjonali. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja kellhom ukoll jadattaw il-funzjonament tagħhom sabiex iwettqu l-ħidma tagħhom ta' taħriġ u riċerka matul il-kriżijiet. Biex ma nsemmux il-konsegwenzi għas-saħħa mentali li wkoll ġew identifikati.

Barra minn hekk, l-instabbiltajiet ġeopolitiċi, b'mod partikolari s-sitwazzjonijiet ta' kunflitt bħall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, joħolqu saħansitra aktar sfidi għar-riċerkaturi żġhażagħ. Xi wħud minnhom kellhom bilfors jitolqu minn pajjiżhom u jabbandunaw il-proġetti ta' riċerka tagħhom.

Dawn id-diffikultajiet jistgħu għalhekk jikkompromettu r-rieda tal-istudenti li jibdeu u jsegwu perkors għal dottorat, kif ukoll il-kwalità tal-produzzjoni xjentifika u l-ħolqien ta' Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) li fiha r-riċerkaturi jiċċaqalqu liberament. Għalhekk huma ostaklu għall-kompetittività tar-riċerka Ewropea fil-livell globali.

B'reazzjoni għal dawn is-sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri adottaw għadd ta' miżuri fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, iżda wkoll f'setturi oħra bħall-politiki soċjali, l-impjieġ u l-edukazzjoni.

Madankollu, minħabba l-emerġenzi li jinqalgħu, dawn ikollhom l-ewwel nett jattwaw inizjattivi fil-livell nazzjonali, li l-qafas tagħhom spiss jitqies bħala aktar aġli u flessibbli; u wara dan biss, jikkoordinawhom fil-livell Ewropew.

Quddiem dawn l-isfidi, ir-riċerkaturi żgħażaġħ jeħtieġ li jiġu appoġġati mill-politiki pubbliċi fil-livell nazzjonali; madankollu, xi azzjonijiet għandhom isiru aktar effiċjenti biex jinġiebu fil-livell Ewropew.

B'mod aktar ġenerali, u barra mis-sitwazzjonijiet ta' emerġenza, għandha tiġi kkunsidrata wkoll il-konsolidazzjoni ta' qafas li jwassal għall-impjieġ aktar rapidu u sostenibbli tar-riċerkaturi żgħażaġħ. F'dan ir-rigward, l-introduzzjoni ta' miżuri maħsuba speċifikament għalihom kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew għandha tiġi esplorata jew approfondita.

F'dan is-sens, għadd ta' inizjattivi li għaddejjin bħalissa fil-livell Ewropew għandu jkollhom impatt pożittiv fuq il-karrieri tar-riċerkaturi żgħażaġħ. Pereżempju, mill-20 azzjoni tal-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, li hija annessa mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza futura taż-ŻER ta' Novembru 2021, l-Azzjoni 4 tiffoka fuq l-istabbiliment ta' azzjonijiet għall-promozzjoni ta' karrieri fir-riċerka attraenti u sostenibbli, bħat-tnedija ta' osservatorju dwar il-karrieri fir-riċerka, il-ħolqien ta' sett ta' għodod ta' miżuri ta' appoġġ biex tittejjeb l-attraenza tal-karrieri fir-riċerka fid-dinja akkademika u lil hinn minnha, kif ukoll l-iżvilupp ta' Qafas Ewropew għall-karrieri fir-riċerka, li mbagħad jista' jiġi ttestjat mill-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej bħala parti minn proġett pilota.

Mid-19-il azzjoni l-oħra tal-Programm Strateġiku, ħafna ser ikollhom ukoll impatt fuq ir-riċerkaturi żgħażaġh. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-Azzjoni 3, li għandha l-għan li jsir progress fir-riforma tas-Sistema ta' Valutazzjoni għar-riċerka, ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet. Il-valutazzjoni tar-riċerka għandha tagħmilha possibbli li tiġi vvalutata l-prestazzjoni tar-riċerkaturi (żgħażaġh) u tar-riċerka sabiex jinkisbu l-ogħla kwalità u l-akbar impatt.

Barra minn hekk, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa, approvati f'April 2022, jenfasizzaw li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-istudenti u lir-riċerkaturi żgħażaġh li l-istudji u l-karrieri tagħhom ġew affettwati mill-pandemija.

Fl-aħħar nett, ir-rispons għall-isfidi ppreżentati mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jirrikjedi relazzjoni aktar b'saħħitha bejn ix-xjenza u s-soċjetà, kif imfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Missjonijiet Ewropej. Peress li jinsabu fl-interfaċċa bejn ix-xjenza u s-soċjetà, ir-riċerkaturi, u speċjalment ir-riċerkaturi żgħażaġh, għandhom rwol b'saħħtu x'jaqdu biex jaġixxu bħala "mudell" għaż-żgħażaġh. Barra minn hekk, l-involviment taċ-ċittadini fix-xjenza, msejjes fuq il-kunċett stess tal-Missjonijiet Ewropej, jitlob li jkun hemm taħriġ f'dawn il-metodi ta' ħidma ġodda, bħal proġetti tax-xjenza parteċipattivi.

Għalhekk, azzjoni aktar ikkoordinata fil-livell Ewropew hija essenzjali mhux biss biex jiġu attirati u miżmuma ġenerazzjonijiet futuri ta' riċerkaturi sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi soċjetali, ambjentali u ekonomiċi, iżda wkoll biex jiġu identifikati u jitneħħew l-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-riċerkaturi mill-bidu tal-karrieri tagħhom. Din il-koordinazzjoni ser tippromwovi l-iżvilupp ta' karrieri adegwati u sostenibbli fir-riċerka, li l-Kunsill appella għalihom fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar l-Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà.

Mistoqsijiet għal dibattitu

Il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tixtieq tibda dibattitu dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Matul il-kriżijiet reċenti, x'inhuma l-isfidi ewlenin li ħabbtu wiċċhom magħhom ir-riċerkaturi żgħażaġh li sirt taf bihom? X'miżuri jew tipi ta' miżuri ddaħħlu fis-seħħ f'pajjiżek biex dawn jiġu appoġġati?
 2. X'taġħlimiet jistgħu jinsiltu minn dan? Liema miżuri kien ikollhom valur miżjud (f'termini ta' effiċjenza, aġilità, flessibilità) kieku ġew ikkoordinati fil-livell Ewropew?
-